DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Ottubru 2013

dwar il-konformità tar-rati tal-2014 għal kull unità għaż-żoni tal-imposti skont l-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013

(notifikata bid-dokument C(2013) 7095)

(2013/631/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 391/2013 ([2]) jistabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru. L-iskema komuni ta' imposti hija element integrali għall-ksib tal-għanijiet tal-iskema ta' prestazzjoni kif stipulati fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 ([4]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/121/UE ([5]) stabbilixxiet miri ta' prestazzjoni kif ukoll mira ta' kosteffiċjenza għall-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru mill-2012 sal-2014. Permezz tal-ittri tad-19 ta' Lulju 2012 u tas-17 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri li l-pjanijiet u l-miri ta' prestazzjoni riveduti tagħhom huma konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni tal-Unjoni Ewropea kollha li ġew adottati, u li dawn qed jagħtu kontribuzzjoni xierqa lill-istess miri tal-Unjoni Ewropea. Il-miri tal-kosteffiċjenza huma espressi f'termini ta' rati unitarji ddeterminati.

(3) L-Artikolu 17(1)(c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013 jistipula li l-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rati unitarji tal-2014 għaż-żoni tal-imposti ppreżentati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni sal-1 ta' Ġunju 2013 bi qbil mar-rekwiżiti tal-Artikoli 9(1) u 9(2) ta' dak ir-Regolament. Din il-valutazzjoni għandha tivverifika l-konformità tar-rati unitarji tal-2014 mar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013.

(4) Il-Kummissjoni wettqet il-valutazzjoni tagħha tar-rati unitarji tal-2014 għaż-żoni tal-imposti bl-appoġġ tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (PRB) u tal-Uffiċċju Ċentrali tal-Imposti tar-Rotot tal-Eurocontrol, u bl-użu tad-data u l-informazzjoni li ġiet ipprovduta mill-Istati Membri sa Ġunju 2013. Il-valutazzjoni ikkunsidrat ukoll l-ispjegazzjonijiet mogħtija u l-korrezzjonijiet li saru qabel il-laqgħa ta' konsultazzjoni li saret fis-26 ta' Ġunju 2013 bħala parti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013 kif ukoll il-korrispondenza sussegwenti bejn il-Kummissjoni u d-Danimarka, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, Franza, l-Italja, l-Ungerija, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Rumanija, l-Isvezja u r-Renju Unit.

(5) Id-Danimarka, Franza, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Rumanija pproponew li l-aġġustamenti previsti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013 jiġu kkumpensati b'mod parzjali jew bis-sħiħ bl-għan li jinżamm jew jitbaxxa livell speċifiku tar-rata unitarja. Li jsir hekk huwa fl-interess ta' min jagħmel użu mill-ispazju tal-ajru. Għal-hekk, dawn l-ammonti m'għandhomx jiġu rkuprati waqt snin sussegwenti.

(6) Il-Kummissjoni tinnota li Spanja beħsiebha tapplika dispożizzjoni transitorja b'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1191/2010 ([6]) Il-Kummissjoni vverifikat l-informazzjoni li ngħatat minn Spanja f'dan ir-rigward, u taqbel li Spanja tissodisfa l-kondizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1191/2010 u tista' tiddeċiedi li teżenta l-ispejjeż determinati għall-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru mill-Artikolu 11a(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1794/2006 ([7]). B'hekk, il-mekkaniżmu tal-qsim tar-riskju tat-traffiku, bil-proporzjon tiegħu ta' qsim tal-qligħ u tat-telf b'30/70 bejn forniturі tas-servizzi

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 391/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ĠU L 128, 9.5.2013, p. 31).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-netwerk (ĠU L 128, 9.5.2013, p. 1).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/121/UE tal-21 ta' Frar 2011 li tistabbilixxi l-miri ta' prestazzjoni u l-limiti ta' twissija għall-Unjoni Ewropea kollha għall-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru mill-2012 sal-2014 (ĠU L 48, 23.2.2011, p. 16).

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1191/2010 tas-16 ta' Diċembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1794/2006 li jistabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (ĠU L 333, 17.12.2010, p. 6).

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1794/2006 tas-6 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ĠU L 341, 7.12.2006, p. 3).

tan-navigazzjoni tal-ajru u utenti tal-ispazju tal-ajru li jirriżulta minn differenza bejn unitajiet ta' servizz proprja u unitajiet ta' servizz previsti, għandu japplika diġà bħala differenza ta' 0 % minflok differenza ta' 2 %. B'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1191/2010 u mat-tnaqqis fir-rata unitarja li ġiet deċiża minn Spanja għas-sena 2012, din l-eżenzjoni hija limitata għall-qsim tar-riskju tat-traffiku fir-rigward tad-dħul għal dik is-sena. Fl-2015, Spanja beħsiebha tibda tifrex ir-riport li jirriżulta tul is-snin li ġejjin.

(7) L-Artikolu 17(1)(d) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013 jistipula li l-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri kkonċernati f'każijiet fejn ir-rati unitarji jkunu konformi mar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013.

(8) In-notifika li rati unitarji għaż-żoni tal-imposti huma konformi mar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 għandha tkun mingħajr ħsara għall-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rati unitarji tal-2014 għaż-żoni tal-imposti inklużi fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni huma konformi mar-Regolamentp ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013.

Artikolu 2

In-notifika li rati unitarji għaż-żoni tal-imposti huma konformi mar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 hija mingħajr ħsara għall-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni

Siim KALLAS

Viċi President

ANNESS

Żona tal-imposti	Rata unitarja *en route* tal-2014 fil-munita nazzjonali [1] (Kodiċi ISO)
Il-Belġju u l-Lussemburgu	72,04 EUR
Il-Bulgarija	73,50 BGN
Ir-Repubblika Ċeka	1 198,16 CZK
Id-Danimarka	537,56 DKK
Il-Ġermanja	77,32 EUR
L-Estonja	23,97 EUR
L-Irlanda	30,62 EUR
Il-Greċja	34,53 EUR
Spanja, Kontinentali	71,69 EUR
Spanja, il-Gżejjer Kanarji	58,36 EUR
Franza	65,77 EUR
L-Italja	78,83 EUR
Ċipru	38,41 EUR
Il-Latvja	19,99 LVL
Il-Litwanja	162,08 LTL
L-Ungerija	13 190,76 HUF
Malta	27,61 EUR
Il-Pajjiżi l-Baxxi	66,47 EUR
L-Awstrija	73,39 EUR
Il-Polonja	148,89 PLN
Il-Portugall — Lisbona	38,74 EUR
Ir-Rumanija	168,83 RON
Is-Slovenja	67,46 EUR
Is-Slovakkja	60,04 EUR
Il-Finlandja	52,06 EUR
L-Isvezja	638,85 SEK
Ir-Renju Unit	70,46 GBP

[1] Dawn ir-rati unitarji ma jinkludux ir-rata unitarja amministrattiva msemmija fl-Artikolu 18 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013 u li tapplika għal dawk l-Istati li huma firmatarji tal-Ftehim Multilaterali tal-Eurocontrol dwar l-imposti tar-rotot.